TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 397/10

**Emanuel Gatt**

**vs**

**Strand Marine & Auto Systems Ltd.**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni, rappreżentanti prezz ta' batteriji għal prezz ta' elf, mija u sebgħa u tletin ewro, u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€1,137.52), illi kellhom sentejn garanzija u wara sena w nofs spiċċatilhom is-saħħa.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara erba' batteriji b'sentejn garanzija, u wara sena w nofs, tnejn minnhom bdew ibattu mill-potenza tagħhom u għalhekk qed jitlob *replacement* ta' dawn iż-żewġ batteriji.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi li ġara huwa minħabba li kellu *wiring* ħażin u li allura dik kienet il-problema ta' dawk il-batteriji.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda kollha, jinnota illi la kien hemm *short* u lanqas kien hemm problema bl-*alternator*, pero' jidher illi kien hemm *wire* ta' 12V, u li suppost għandu jkun hemm *wire* ta' 24V. Jirriżulta wkoll li lanqas kien hemm *leakage*.

Għaldaqstant, it-Tribunal jinnota li l-problema hija fil-*wiring*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888